**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**17 ta' Novembru 2024**

**Nifirħu lill-Kan. Dun Joe Cardona** li ġie magħżul u maħtur sabiex ikun kavallier tas-Santu Sepulkru ta' Ġerusalemm. L-investitura uffiċjali saret nhar is-Sibt 16 ta' Novembru fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt, mill-Arċisqof ta' Malta flimkien mad-dinjitarji tal-Logutenenza Maltija. Din l-Ordni, bħall-Ordni Sovran tal-Kavallieri ta' Malta hija rikonoxxuta wkoll mis-Santa Sede, u l-iskop tagħha llum hu dak li ssaħħaħ il-ħajja nisranija tal-membri u tagħti s-sapport kollu u l-għajnuna meħtieġa lill-Insara preżenti fl-Art Imqaddsa, bit-talb u l-ġesti ta' karità. Għalhekk ejjew nifirħulu u nitolbu għalih.



---

F'dawn l-aħħar ġranet, membri tal-**Għaqda Armar Triq San Ġwann** sabu cassette li kien merfugħ fil-maħżen fejn jinġabar l-armar. Dan fih recordings tal-Għasar u l-Pontifikal tal-festa tal-1970 kif ukoll il-quddiesa li l-Kardinal Giuseppe Ferretto kien mexxa fiċ-Ċentinarju tal-1968. Kien ġest sabiħ li l-għaqda għaddietu lill-Arkivju tal-Parroċċa sabiex jiġi konservat. Filwaqt li nirringrazzjawhom, inħeġġu aktar nies li jista' jkollhom materjal storiku li jgħadduh lill-Arkivju tal-Parroċċa biex iservi għalina u għal ta' warajna.

Nhar il-Ħadd 24 ta' Novembru fl-4.00pm ser issir iċ-**Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re**, din id-darba fil-forma ta' purċissjoni Ewkaristika, li titlaq minn Pjazza San Franġisk wara diskors qasir mill-Isqof Anton, u tasal sa Pjazza Savina, fejn tingħalaq bil-Barka Sagramentali. F'każ ta' maltemp ser issir ċelebrazzjoni Ewkaristika fir-Rotunda tax-Xewkija.

Għal din l-attività huma mistiedna jipparteċipaw b'mod speċjali l-familji kollha tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma tal-Isqof flimkien mal-katekisti tagħhom, l-abbatini, is-saċerdoti u l-Fratellanzi tas-Sagrament ta' kull parroċċa f'Għawdex.

Inħeġġukom tkunu magħna għal dan il-mument komunitarju u għażiż madwar l-Ewkaristija li hi l-għajn tal-ħajja nisranija. Min jixtieq juża' t-trasport organizzat mill-parroċċa, biex jevita l-problema tal-parking fir-Rabat, jista' jċempel u jħalli ismu fl-uffiċċju parrokkjali. Nitilqu mill-Pjazza fit-3.15pm u niġu lura hekk għas-6.00pm.

## AVVIŻI:

Illum il-Ħadd 17 ta' Novembru fid-Djoċesi qed niċċelebraw il-**Jum tal-Karità.** Għalhekk il-ġbir kollu fil-quddies tal-Ħadd ser ikun għal dan l-iskop filwaqt li nfakkrukom li tistgħu twasslu l-offerta tagħkom anki permezz tal-envelopes li tqassmu fi djarkom mal-bullettin tal-Ħadd li għadda.

Nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru l-**Grupp tal-Istilel ta' Ġesù** qed jistieden lil kulħadd fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur għal-laqgħa ta' talb li tibda bir-Rużarju fl-4.00pm u wara tiġi ċċelebrata quddiesa minn Dun Salv Grima. Ejjew u ġibu oħrajn magħkom.

Nhar it-Tlieta 19 ta' Novembru ser issir quddiesa għall-**benefatturi mejtin tal-Banda Mnarja**, fil-Każin tal-Banda, fis-7.00pm.

Nhar l-Erbgħa 20 ta' Novembru, fil-knisja Bażilika se ssir laqgħa oħra ta' talb fuq **l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard**. Il-laqgħa se titmexxa mill-Kan. Dun Reuben Micallef u fiha Dun Karm Curmi mill-Munxar, ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Tibda fis-5.45pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq il-paġna tal-Facebook tal-parroċċa: Parroċċa Nadur.

Nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru se ssir **ħarġa għall-anzjani** organizzata mill-Kunsill Lokali tan-Nadur. Aktar informazzjoni mill-uffiċċju tal-Kunsill.

Nhar il-Ġimgħa 22 ta' Novembru l-membri tal-Mużew tal-bniet qed jorganizzaw quddiesa fl-4.30pm fiċ-ċimiterju ta' Santa Tereża ta' Kalkutta, b'suffraġju tal-**benefatturi mejtin tal-Museum tal-Bniet** li tant għenu l-Qasam. Kulħadd huwa mistieden speċjalment it-tfal bniet flimkien mal-ġenituri tagħhom.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am